MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru 871/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
v

**ABOU BREK YOUSEF**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ABOU BREK YOUSEF** ta' sitta w ghoxrin sena bin Muhammed u Sadina nee Abou Brek, imwieled Tripoli Libja nhar l-erbatax ta' Awissu 1976 u joqghod 117, Triq Brighella, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita 22743A, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-dsatax ta' Ottubru 2002 bejn nofs il-lejl w in-nofs siegha ta' filghodu gewwa Triq Wilga, Paceville, San Giljan:

a. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza

pubblika kontra persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi minn awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' PS 504 Silvio Ellul, PC 1263 Alexander Cosby, PC 931 Carmel Zarb, PC 843 Pierre Miceli, PC 687 Brian Woods, PC 643 Jonathan Farrugia, PC 473 Martin Gatt u PC 1141 N. Tanti;

b. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuni tal-istess Ufficjali tal-Pulizija msemmija fl-ewwel akkuza;

c. Talli kkaguna griehi hfief fuq l-istess persuni bhala Ufficjali tal-Pulizija msemmija fl-ewwel akkuza skond kif iccertifikaw Doctor M. Camilleri u Doctor J. P. Caruana Galizia tal-isptar San Luqa;

d. Talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-istess Ufficjali tal-Pulizija msemmija hawn fuq;

e. Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament ikkommetta hsara fl-uniformi ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

f. Talli taht l-istess hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

g. Talli kkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Malcolm Dimech taht l-istess data, lok, hin u cirkostanzi skond kif iccertifikaw Doctor S. Camilleri tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

h. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bi kliem lil Malcolm Dimech;

i. Talli taht l-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma dorob, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra Malcolm Dimech minn San Gwann;

j. Talli taht l-istess data, lok, hin u cirkostanzi stieden ghal glied lil istess Malcolm Dimech;

k. Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Ufficjali Pubblici u ta' Malcolm Dimech minn San Gwann kif jidhrilha xieraq.

Illi l-Q□rti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Ufficjali Pubblici u ta' Malcolm Dimech minn San Gwann kif jidhrilha xieraq.

Illi din l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003, u cioe disgha xhur wara li l-imputat kien tressaq il-Qorti u hafna mix-xhieda kienu ghalhekk instemghu quddiem dik il-Qorti diversament preseduta.
Illi din il-Qorti kompliet bis-smiegh tax-xhieda u meta ddifferit il-kawza ghas-sentenza, wara li saret t-trattazzjoni mill-partijiet u kienu gew presentati n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi, innutat li l-proceduri odjerni kienu vizjati, ghaliex meta l-imputat kien tressaq il-Qorti originarjament nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 2000, huwa kien wiegeb li jirriserva waqt l-ezami li sarlu ghad-domanda jekk kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti u ghalhekk dakinhar l-atti messhom intbaghtu lil Avukat Generali. Effettivament dawn l-atti ma gewx mibghuta.

Illli ghalhekk b'digriet taghha tat-tnejn ta' Gunju 2004, din il-Qorti kif preseduta, attirat l-attenzjoni tal-Avukat Generali dwar dan in-nuqqas w irrinvjat l-atti lura lilu sabiex b'hekk l-atti jigu regolarizzati.

Illi b'rinviju datat dsatax ta' Lulju 2004 [fol 217] l-Avukat Generali rrileva li, peress li t-terminu ta' xahar sabiex tinghalaq il-kumpilazzjoni msemmi fl-artikolu 401(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat, u per

konsegwenza l-atti tal-kumpilazzjoni huma difettuzi a tenur tal-artikolu 432(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, talab lil din il-Qorti tibda mill-gdid l-kumpilazzjoni u taghlaqha fi zmien hamest ijiem tax-xoghol.

Illi ghalhekk din il-Qorti kif preseduta ghamlet dak mitlub minnha f'dan l-istess rinviju fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004, [fol 219 tal-atti] kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan wara li l-akkuzi gew mahlufa mill-gdid mill-Ufficjal Prosekutur fil-konfront tal-imputat.

Semghet lil imputat fl-istess seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2004, [fol 219 tal-atti], kif wkoll fis-seduta tas-sittax ta' Awissu 2004 [fol 223 tal-atti] jammetti l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu salv ghas-seba [7], t-tmien [8] u l-ghaxar [10] akkuza fejn irrimetta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti.

Rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Ottubru 2004 [fol 227 tal-atti].

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-sbatax ta' Mejju 2004 [fol 187 tal-atti] kif wkoll dik tal-imputat [fol 196 tal-atti].

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi kollha salv ghall-ewwel u l-hames akkuza f'kaz ta' htija, jistghu jinghataw massimu ta' prigunerija ta' tlett xhur u skond l-artikolu 688(e) dawn id-delitti jaqghu preskritti bl-gheluq ta' sentejn.

Issa, mill-atti processwali jirrizulta li l-allegat incident sehh nhar d-dsatax ta' Ottubru 2002, u l-akkuzi gew mahlufa fil-konfront tieghu nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2004, u cioe aktar minn sentejn wara li gew kommessi u ghalhekk

stante li tali eccezzjoni hi ta' ordne pubblico, din il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront ta' dawn l-akkuzi kollha, salv ghal ewwel u l-hames akkuza, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Dwar l-ewwel u l-hames akkuza, il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'tghaddi.

L-imputat huwa akkuzat talli attakka u hebb jew ghamel rezistenza fuq Ufficjali Pubblici kif dispost fl-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2004, l-imputat ammetta din l-akkuza fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu u konsegwentement, fuq ammissjoni tieghu stess, **il-Qorti qed issibu hati ta' din l-ewwel akkuza**.

Dwar il-hames akkuza, u cioe dik ta' hsra voluntarja kif aggravata peress li tali hsara saret fil-konfront ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija ai termini tal-artikolu 325(1)(c), il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-process kollu b'mod partikolari ix-xhieda li ddeponew f'dan il-kaz.

Illi nhar **l-erbgha ta' Novembru 2002 xehed l-Ispettur Mario Tonna** [fol 17 et seq tal-atti] u esibixxa tlett qomos tal-Pulizija mqattghin [fol 24], liema qomos skond ma rrizulta waqt l-investigazzjoni, gew imqatta mill-imputat waqt l-aggressjoni tieghu.

Illi nhar **l-erbgha ta' Novembru 2002 xehed PC 1263 Alexander Cosby** [fol 36 et seq tal-atti] jghid, b'referenza ghal hsarat voluntarji fuq hwejjeg tal-Gvern fil-konfront tal-imputat [fol 41] li "*kull darba li bdejna inzommuh, beda kull darba jimbotta u fil-fatt anke il-qmis qattghali ghax kull darba li bdejt inzommu, beda jimbuttani lura.*"

Illi nhar **t-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2004 xehed PC 463 Joseph Farrugia** [fol 151 et seq tal-atti] w ikkonferma li PS 1263 Alexander Cosby kellu l-qmis imqatta. Mistoqsi kienx hemm persuni ohra bl-uniformi imqatta, x-xhud wiegeb li ma jiftakarx.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet diversi Ufficjali tal-Pulizija ohra pero hadd aktar ma qal li tqattatlu l-uniformi u ghalhekk mill-provi jirrizulta li f'dan l-incident tqattghet qmis wahda. Illi mill-provi prodotta ma jirrizultax pero l-valur ta' tali qmis u ghalhekk il-Qorti ssib lil imputat hati ta' hsara voluntarja li ma teccedix l-ghaxar liri maltin kif dispost fl-artikolu 325(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa stante li l-qmis tal-Pulizija hija proprjeta pubblika, il-piena tizdied bi grad jew tnejn u ghalhekk il-piena li tista tinghata ghal dan r-reat hija dik kontemplata fl-artikolu 31(1)(xii) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bejn xahrejn u sitt xhur jekk il-Qorti izzidu bi grad u bejn hamsa w disgha xhur jekk izzidu b'zewg gradi. Filwaqt li l-piena li ghandha tinghata ghar-reat kif dispost fl-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa proprju bejn erbgha xhur u sena u ghalhekk tali zewg akkuzi mhux preskritti ai termini tal-artikolu 688(e) ghaliex jaqghu taht l-perjodu preskrittiv kif dispost fl-artikolu 688(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti wara li fliet l-processs kollu tiddikjara li ssib lil imputat ABOU BREK YOUSEF hati tal-ewwel u l-hames akkuza.**

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita fl-arti a fol 16 minn fejn jirrizulta li hija wahda tajba salv ghal kaz wiehed biss registrat fis-sena 2002 meta nghata *unconditional discharge*.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 96, 95, 214, 221, 338(ee), 325, 338(dd), 339(1)(e), 339(1)(b), 339(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat ABOU BREK YOUSEF hati tal-ewwel [1] u tal-hames [5] akkuza u tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerja ta' sebgha xhur u dan ghaliex fil-fehma taghha, ic-cittadin m'ghandux juza forza fizika kontra Ufficjali Pubblici li jkunu qed jaqdu d-dmirijiet taghhom fl-interess tal-gustizzja.**

**Tordna li l-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan l-kaz, jitnaqqas mis-sentenza effettiva moghtija llum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------